**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 395/18 AGV**

A u B
Vs
X

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet ipprezentat fil-5 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

Illi l-partijiet kienu zzewwgu fl-24 ta' Ottubru, 1992 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Marzu, 2015 u dan a tenur tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Gambin kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument B.

Illi permezz tal-prezenti, il-partijiet iddikjaraw li ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar erba' snin.

Illi minn tali zwieg kellhom tifla C, li twieldet fil-15 ta' Ottubru, 1996 u ghalhekk hija maggorenni.

Illi fic-cirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom *de facto* separate ghal dawn l-ahhar erba' snin u legalment separate ghal dawn l-ahhar tlett snin, u kull parti qed issegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin u sseparaw legalment fid-9 ta' Marzu, 2015 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin. Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**